# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 8 ta' Mejju, 2018**

**Numru 10**

**Rikors Numru 53/18 TA**

**Gladwish Paul u martu Gladwish Ignazia maghrufa bhala Nancy**

**vs**

**a. Borg Stephanie**
**b. Nutar Pubbliku Malti u Kummissarju ghall-Guramenti, Debono Dr. Joseph**
**c. APS Bank Limited (C2192)**
**d. Mizzi Dr Alexandra Av.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-Attur tad-9 ta' Frar 2018 li permezz tieghu talab ir-rikuza tal-Imhallef sedenti ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess att;

Rat ir-risposti tal-Konvenuti kollha ghat-talba f'dan ir-rikors;

Rat il-verbal tas-27 ta' Marzu 2018 maghmul mill-Avukat Emy Bezzina ghall-Attur, fejn ghamel l-istess talbiet u fejn indika l-artikoli specifici tal-ligi, abbazi ta' liema artikli kien qieghed isejjes ir-ragunijiet ghar-rikuza tal-Imhallef sedenti u dan kif titlob il-ligi;

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Attur in sostenn tat-talbiet fuq imsemmija;

Semghet lill-Attur jixhed minn jheddu;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri kollha inkonnessjoni ma' dan il-punt.

**Ikkunsidrat**

Bhala fatti jirrisulta li zmien ilu, meta l-Imhallef sedenti kien ghadu fil-prattika, kien jippatrocina lill-Attur f'xi pendenzi li kellu. Jirrizulta, li l-Attur ma kienx baqa' klijent tal-Imhallef sedenti. Fil-fatt, kien l-Imhallef sedenti, li kien wera lill-Attur li ma xtaqx ikompli jippatrocinah. Jidher, li dak iz-zmien l-Attur kien hadha xi ftit bi kbira, l-aktar l-aktar meta l-Imhallef sedenti, dejjem meta kien ghadu fil-prattika, ippatrocina terzi kontra tieghu u dan wara li l-Attur ma kienx ghadu klijent tieghu.

Fid-dawl ta' dawn il-fatti u tal-provi prodotti fis-smiegh tar-rikors fuq imsemmi, il-Qorti ghamlet l-evalwazzjoni taghha dwar il-fondatezza legali tat-

talbiet kif maghmula. Din il-Qorti ma ghandha ebda problema biex tiddikjara li ai fini tal-artikli citati fil-verbal tas-27 ta' Novembru 2018, it-talbiet tar-rikorrent ma humiex fondati.

L-Imhallef sedenti, sa fejn jirrigwarda l-mertu li ghandha quddiemha din il-Qorti, meta kien ghadu fil-prattika, la qatt ta parir, tratta quddiem Qorti jew kiteb dwar il-mertu jew b'xi mod ghamel xi haga ohra li ghandha x'taqsam mal-kawza jew li tiddependi minnha (art 734(1)(d)(i) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta). Anqas u anqas ghalhekk, qatt jista' jkun xhud fil-kawza, tant li fl-elenku tax-xhieda l-anqas biss jissemma' (art 743(1)(d)(iv) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta ).

B'dan kollu, f'dawn l-ahhar snin kien hemm zviluppi fil-kamp Kostituzzjonali li xi ftit jew wisq immodifikaw it-tejorija klassika, li r-rikuza ta' Imhallef trid tkun rigidament ikkonfortata mir-ragunijiet specifici imsemmija fil-ligi. Dan ifisser, li sabiex ikun garantit smiegh xieraq hemm ragunijiet partikulari li jistghu jwasslu ghar-rikuza jew astensjoni ta' Imhallef, apparti dawk imsemmija specifikament mill-ligi. L-importanti hu li jkun hemm xi xorta ta' rabta fattwali bejn il-parti li tkun qed titlob ir-rikuza u l-Imhallef sedenti. Semplici talba maghmula fl-arja, ghax dak li jkun ma jkunx joghgbu wicc il-Gudikant, ma tista' qatt twassal ghar-rikuza tieghu.

Il-Qorti ghalhekk ma tistax ma taghrafx il-principju li r-ragunijiet li ghalihom gudikant jista' jigi rikuzat jew jastjeni milli jkompli jisma' il-kawza huma biss dawk li l-ligi innifisha ssemmi u dan kif wara kollox jikkommina l-artiklu 733 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta. B'dana kollu, illum huwa ukoll stabbilit, li jista' jkun hemm ragunijiet ohrajn meqjusa bhala serji li jammontaw bhala xierqa u f'posthom ("conveniente") ghal tali astensjoni jew rikuza. (Ara Kawza **Kostituzzjonali tat-18 ta' Frar 2008 fl-ismijiet Il-Pulizija [Spettur Norbert Ciappara] -vs- Joseph Lebrun**).

Dan qieghed jinghad ghaliex fl-ahhar mill-ahhar l-Istitut tar-rikuza jew tal-astensjoni huwa intiz biex ihares l-ahjar interessi tal-gustizzja, b'mod partikulari f'dak li ghandu x'jaqsam mad-dritt ta' smiegh xieraq b'mod imparzjali (ara **P.A Sentenza per Imhallef Geoffrey Valenzia fl-ismijiet Gambina -vs- Fithome Ltd tat-28 ta' Jannar 2005**) u kif ukoll it-tishih tal-fiducja pubblika fl-amministrazzjoni tal-gustizzja. Dan il-principju fil-fatt isib applikazzjoni aktar stretta fil-qafas Kostituzzjonali (ara **Sentenza PA [Kost] per Imhallef Vincent Degaetano tas-6 ta' Ottubru 1994 fl-ismijiet Dr. Alfred Mifsud -vs- Prim Ministru**). Ghalhekk fuq stregwa ta' Sentenzi bhal dik tal-**PA [Kost] per Imhallef Mark Chetcuti fl-ismijiet Lawrence Grech et -vs- L-Avukat Generali tat-28 ta' April 2016** din il-Qorti ma tistax ma tirrikonoxxix, li jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn minkejja dak li jiddisponi l-artiklu 733 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta jista' xorta jkun hemm ragunijiet

serji bizzejjed li abbazi taghhom gudikant jigi rikuzat jew jastjeni u dan sabiex jigi salvagwardat id-dritt ta' smiegh xieraq ta' xi wahda mill-partijiet ghall-Kawza. Il-Qorti mhux biss trid tkun imparzjali izda l-anqas ma tista' tippermetti li jkun hemm cirkostanzi li oggettivament itappnulha l-imparzjalita` anke fid-dehra taghha. Jinghad li "The word 'impartial' connotes absence of bias, actual or perceived " (ara **'The Judicial Application of Human rights Law' ta' Nihal Jayawickrama it-Tieni Edizzjoni pagna 536**).

Din il-Qorti ghalhekk ezaminat il-fatti li hargu fis-smiegh ta' dan ir-rikors. Hadet ukoll nota tar-reticenza tal-Attur, kemm fix-xhieda tieghu u kif ukoll fis-sottomissjonijiet minnu maghmula, li minhabba r-rabta li kienet tesisti bejnu u bejn il-Gudikant sedenti meta kien ghadu fil-prattika, li biha qed jopponi li l-kawza odjerna tibqa' tinstema' minn din il-Qorti kif presjeduta. Il-Qorti hadet ukoll nota tal-fatt, li t-terminazzjoni ta' kull relazzjoni professjonali li kienet tesisti bejn l-Imhallef sedenti u l-Attur, ghalkemm snin ilu, ma jidhirx li kienet wahda serena.

Ghalhekk fuq l-insenjament imsemmi, l-Imhallef sedenti jhoss, li ghall-ahjar amministrazzjoni tal-Gustizzja, ghandu jastjeni milli jkompli jisma' l-kawza hu.

Ghaldaqstant filwaqt li din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-rikors tas-9 ta' Frar 2018 u tat-talbiet fil-verbal tas-27 ta' Marzu 2018, l-Imhallef

sedenti qieghed minflok jastjeni milli jkompli jisma' l-Kawza odjerna u dan ghar-ragunijiet validi fil-ligi kif fuq spjegati.

Il-Qorti ghalhekk, qed tordna li l-Atti tal-kawza jintbaghtu lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex tigi assenjata lil din il-Qorti diversament presjeduta.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**